MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru 1278/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**
**vs**
**Francis Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Francis Cassar** ta’ 40 sena bin Joseph u Carmela *nee’* Mallia, imwieled l-Isla, fil-21 t’Ottubru 1965, residenti 27, Triq is-Senglea, Marsaskala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 515465M;

Talli f’Misrah Mifsud Bonnici, Marsaskala, nhar il-Hadd 3 ta’ Dicembru 2006 ghall-habta ta’ xi s-saghtejn ta’ wara nofsinhar;

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta taha diversi daqqiet

ta’ sieq fuq il-vettura Escort Mk 11 ta’ lewn blu bin-numru tar-registrazzjoni LAN-082 u ghamlilha hsara li l-ammont taghha ma jiskorrix il-hames mitt lira, imma huwa izjed minn hamsin lira ghad-dannu ta’ Kevin Cutajar;

Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied jew b’mod iehor;

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmi Kevin Cutajar, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Francis Cassar b’obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata skond il-ligi;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-5 ta’ Dicembru 2006 skond l-artiklu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura kif registrata fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2006;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara incident familjari li sehh f’Marsascala prattikament bejn zewg koppji. Tajjeb illi jinghad illi dan l-incident sehh gewwa Marsascala u kompla quddiem l-ghassa tal-pulizija f’Haz Zabbar pero’ l-imputat huwa akkuzat biss dwar dak li sehh f’Marsascala. Irid jinghad ukoll illi kien hemm diversi persuni ohra involuti f’dawn iz-zewg incidenti izda kif jirriuzlta in atti, dawn kien mressqa l-Qorti diversament preseduta sabiex iwiegbu ghall-eghmil taghhom;

Illi kif jemergi mill-provi mressqa ghal konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti, l-intimat kien qieghed jiekol fil-parti esterna tar-restaurant Grabiel gewwa Marsascala ghall-habta tas-

2.30pm u dan flimkien mas-siehba tieghu, l-genituri taghha u zewgt itfal. Fl-istess waqt ghadda d-dannegjat Kevin Cutajar fil-vettura li kien ukoll akkumpanjat mis-siehba tieghu. Dan waqaf quddiem it-terrazzin tar-restaurant peress illi t-*traffic lights* qalbu fuq l-ahmar u hemm beda l-incident kollu li dwar inghataw bazikment zewg verzjonijiet. Tajjeb illi jinghad ukoll illi l-imputat kien qieghed fil-kumpanija tal-*ex* siehba ta' Kevin Cutajar filwaqt illi Kevin Cutajar kien akkumpanjat mill-gharusa tieghu li fil-passat kienet is-siehba tal-imputat u li minnu ghandha zewgt itfal u l-incident kollu jidher li zvolga dwar r-relazzjoni tal-passat ta' bejn dawn iz-zewg koppji u min qieghed ma' min llum;

Kevin Cutajar jghid illi meta waqaf bil-vettura tieghu fuq id-dawl ahmar b'zewg vetturi ohra quddiemu gie fuqu l-imputat li qallu li kien projbit li jkun f'dawk l-inhawi b'garanzija imposta fuqu mill-ghassa ta' Haz-Zabbar. Appena Cutajar infurmah li kien ser imur jaghmel verifiki fl-ghassa ta' Haz-Zabbar, Charlie Richards, li huwa missier is-siehba tal-imputat u li kien qed jiekol flimkien maghhom fir-restaurant, gie u ta daqqa ta' sieq fuq il-hgiega u ohra fuq il-bieba tal-vettura Escort ta' Cutajar u fil-pront kompla mieghu l-imputat billi ta daqqa fuq il-*mudguard* ta' wara. Minn hemm saq dritt lejn l-ghassa ta' Haz-Zabbar. Dorianne Felice, l-gharusa ta' Kevin Cutajar, tat l-istess dettaji fid-deposizzjoni taghha. Din il-verzjoni hija identika ghal dik moghtija minn Kevin Cutjar lill-Pulizija meta intalab jaghti l-verzjoni tieghu;

L-imputat, izda, jaghti verzjoni differenti meta jghid illi waqt illi kien ghadu qed jiekol fuq l-parti esterna tar-restaurant, ra vettura wieqfa u sema xi hadd jghajjru mill-boghod. Malli qeleb id-dawl tat-*traffic lights,* induna li t-tghajjir kien gej mill-vettura ta' Cutajar li nizzel it-tieqa tal-gharusa tieghu, ippunta turnavit fid-direzzjoni tal-imputat u qallu li kien qed jirreferi ghalih, jigifieri ghall-imputat u beda jghajjaru u joffendieh. L-imputat jghid illi ma tax kaz tieghu izda Cutajar mexa 'l quddiem biex jghaddu l-vetturi ta' warajh u l-imputat qam biex ihallas halli jallontana bil-kwiet, izda malli qam ra lil Cutajar isuq lura u 'l quddiem u jzomm il-barkijiet, jipprova jidhol bil-vettura tieghu fil-parti

fejn kienu qed jieklu. Dak il-hin, missier is-siehba tal-imputat, Carmelo Richards beda jaghti fuq il-bieba tal-vettura ta’ Cutajar li allura issa ma kienx ghadu fit-triq izda kien tela r-rampa li taghti ghat-terrazin tar-restaurant. L-imputat jammetti li ta xi daqqa fuq ‘l wara tal-vettura ta’ Cutajar u dan sabiex jikkalmah u jitlaq ‘l hinn;

Sid ir-restaurant quddiem liema sar dan l-incident xehed illi fil-hin tal-akkadut huwa ra vettura tirriversja ghal fuq il-bankina u lill-imputat jaghti bis-sieq fuq din il-vettura. Sa dan il-punt il-verzjoni ta’ Cutajar allura tirrizulta kompletament inveritiera. Minkejja dan, r-rejazzjoni tal-imputat mhix daqshekk passiva daqs kemm ipengiha hu. Dan ghaliex filwaqt illi jghid illi lanqas biss kien ghadu spicca jiekol meta gara l-incident, ftit wara jghid illi malli inizzja dan kollu mar ihallas biex ifittex jitlaq minn fuq il-post. Sid ir-restaurant jghid illi l-imputat kien gia hallas jew kien sejjer ‘l hinn meta Cutajar waqaf biex ikellmu kif ukoll li l-incident sehh fuq il-bankina u mhux fuq it-terrazzin tar-restaurant. L-imputat irid lil din il-Qorti temmen illi huwa kien provokat f’dan l-incident izda l-elementi tal-provokazzjoni jirrikjedu hafna aktar minn hekk sabiex ikollhom applikabilita’ fil-kaz odjern. Jekk l-imputat irid jitwemmen meta jghid li appena beda l-incident hu ried ihallas halli jitlaq, kif fl-istess waqt jghid illi beda jaghti fuq il-vettura ta’ Cutajar sabiex jikkonvincieh jitlaq minn fuq il-post meta azzjoni bhal din tista’ biss twassal ghall-aktar tilwim? Min verament irid jevita l-inkwiet jaqbad u jhalli kollox u jallontana u mhux jibda jaghti daqqiet fuq il-vettura tal-agressur;

Kevin Cutajar ma jattribwix il-hsara kollha fuq l-imputat ghaliex hu stess jghid li l-ewwel ma beda kien Carmelo Richards b’daqqa fuq il-hgiega u l-bieba tax-xufier imbaghad kompla l-imputat b’daqqiet fuq il-mudguard ta’ wara. L-imputat kien ghalhekk responsabbli ghal uhud mid-daqqiet li kkawzaw hsara fil-vettura ta’ Kevin Cutajar. Bint l-istess Carmelo Richards tikkonferma li missierha kien l-ewwel li beda jaghti fuq il-vettua. Issa, l-ammont komplessiv tal-hsara huwa ta’ mitejn u hames liri Maltin llum ekwivalenti ghal €477.52 u jekk dan, ghall-grazzja tal-argoment jinqasam fit-tnejn, xorta wahda jirrizulta fil-

parametri tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 li akkuzat l-imputat Francis Cassar;

Ghal dawn il-motivi, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu inkluz dik tal-ksur tal-bon ordni;

Wara li rat l-artikolu 325(b)u 338(dd) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Stante li piena karcerarja mhix wahda li hija addattata fic-cirkostanzi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tikkundanna lill-imptuat ghal hlas ta' multa ta' €300 fuq l-ewwel akkuza u hlas ta' ammenda ta' €50 fuq it-tieni akkuza.

Stante li dan l-incident inqala tort unikament ta' Kevin Cutajar, tastjeni milli timponi fuq l-imputat dik il-garanzija mitluba mill-prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------